MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' April, 2001

Citazzjoni Numru. 1676/2000/1

**VITAFOAM LIMITED**

**vs**

**KOSMIPHARMA IMPORTS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fid-9 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta bieghet u trasferiet lis-socjeta' attrici li xtrat u akkwistat mitejn kilogramma (200 kilo) ta'

Stabiliser TP 3793 versu l-prezz ta' tmien mija u hamsin lira maltija (Lm850) u bit-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fis-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin lira maltija u hamsin centezmu (Lm127.50) b'kollox disa' mija u sebgha u sebghin lira maltija u hamsin centezmu (Lm977.50), skond 'l hawn anness Invoice immarkat Dokument A;

Illi s-Stabiliser TP 3793 debitament mixtri u akkwistat kien fih difetti li ma jidhrux u ma kienx tal-kwalita' patwita, u li kieku s-socjeta' attrici kienet taf bihom ma kienitx tixtri dan is-Stabiliser TP 3793;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet assikurat lis-socjeta' attrici illi l-prodott mibjugh minnha kien addattat ghall-uzu ta' produzzjoni ta' "foam";

Illi s-socjeta' attrici soffriet danni minhabba dan il-Stabiliser, liema danni jikkonsistu fit-twaqqif tal-produzzjoni, fi telf ta' bejgh u f'reparazzjonijiet ghal makkinarju taghha;

Illi ghalkemm interpellata bil-miktub sabiex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida skond il-ligi;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddikjara li s-Stabiliser TP 3793 fuq imsemmi mixtri mis-socjeta' attrici minghand is-socjeta' konvenuta huwa difettuz u mhuwiex tal-kwalita' pattwita, anke jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tirrexindi l-kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet in konsegwenza tad-difetti hawn fuq imsemmija;

3. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni li soffriet, qieghda ssofri u li ghad trid issofri fil-futur is-socjeta' attrici;

4. Tillikwida dawn id-danni hekk soffruti mis-socjeta' attrici;

5. Tikkundnna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici dawn id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawn ta' l-ittra legali tal-24 ta' Lulju, 2000 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id Dikjarazzjoni mahlufa, u n-Nota tax-Xiehda tas-Socjeta' attrici, flimkien mad-dokument mehmuz maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tas-17 t'Awissu, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghad-9 ta' Novembru, 2000;

Rat li s-Socjeta' konvenuta, notifikata fit-2 t'Ottubru, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smigh, ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilha mil-ligi dwar it-talbiet tal-atturi u ghalhekk waqghet kontumaci;

Semghet it-talba maghmula mill-kumpannija mharrka dak inhar li l-kawza ssejhet l-ewwel darba ghas-smigh, li biha talbet li tithalla tikkontesta l-kawza, ghal liema talba s-Socjeta' attrici opponiet;

Rat ir-Rikors tal-kumpannija mharrka tal-14 ta' Novembru, 2000 (pagna 11 tal-process) li bih talbet lil din il-Qorti taghtiha l-jedd li tikkontesta l-kawza, ghar-ragunijiet imsemmija;

Rat id-Degriet taghha tal-15 ta' Novembru, 2000;

Rat it-twegiba tas-Socjeta' attrici tas-27 ta' Novembru, 2000, (pagni 15 u 16 tal-process) li biha opponew mill-gdid ghat-talba tas-socjeta' konvenuta;

Semghet ix-xie-hda bil-gurament tas-Socjeta' konvenuta, partikolarment dik ta' Kenneth Bartolo;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju, inkluza n-Nota ta' Riferenzi tas-Socjeta' imharrka tal-14 ta' Frar, 2001 (pagni 24 sa 26 tal-process);

Rat id-Degriet taghha tat-22 ta' Frar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tas-Socjeta' konvenuta li tnehhi l-kontumacja taghha;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem is-Socjeta' mharrka, ir-raguni ewlenija li minhabba fiha qieghed jigi mfisser ghaliex ma ppressentatx in-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha fiz-zmien moghti mil-ligi, tikkonsisti filli f'xi zmien wara li waslu ghandha (precizament f'idejn Kenneth Bartolo) l-atti tac-Citazzjoni u l-Avviz tas-Smigh, l-Avukat tal-kumpannija gharrfithom li ma kinitx f'qaghda li taccetta aktar xoghol minhabba li harget tqila, u sakemm sabet Avukat iehor biex jidher

ghaliha, lahaq ghalaq iz-zmien biex titressaq fil-hin in-Nota tal-Eccezzjonijiet. Sussidjarjament, il-kumpannija mharrka tghid ukoll li billi kellha taghmel xi verifiki barra minn Malta dwar l-ilmenti tas-Socjeta' attrici, lahaq ghadda z-zmien;

Illi, m'huwiex kontestat (anzi huwa mistqarr mix-xhud Bartolo nnifsu) li l-post fejn thallew l-att tac-Citazzjoni u l-Avviz tas-Smigh hu l-post tan-negozju tas-socjeta' mharrka. Dan qieghed jinghad ghall-finijiet tal-artikolu 187(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Irrizulta wkoll li l-persuna li f'idejha thallaw l-imsemmija atti hija impjegata tal-kumpannija mharrka;

Illi, mill-provi mressqin, jirrisulta wkoll li meta Kenneth Bartolo laqa' l-atti tal-kawza, gharraf minnufih bihom lid-Direttur Esekuttiv tal-kumpannija Anthony Pisani, li l-ufficcju tieghu kien Ricasoli;

Illi fit-twegiba studjata taghha, is-Socjeta' attrici tishaq li l-kontumacja tas-Socjeta' mharrka tidher minnufih li hija kolpuza u li r-ragunijiet imsemmijin minnha ma jaghmlux ghajr idahhlu fin-nofs terzi persuni bhala skuza ghan-nuqqas taghha li tmexxi fil-hin;

Illi, min-naha taghha, is-Socjeta' mharrka issottomettiet, b'mod studjat u dettaljat, li ghandha ssir distinzjoni bejn kontumacja kolpuza u dik imnissla minn cirkostanzi li juri li dak li ma sarx kien kawzat minn ragunijiet li ma jiddependux mir-rieda tal-imharrek;

Illi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti skond ir-Rikors tas-Socjeta' mharrka, huwa dak li jirrigwada l-kontumacja taghha u mhux il-validita' tan-notifika. Ghalhekk, din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghall-konsiderazzjoni tat-talba kif imfassla fir-rikors, u mhux sejra tippronuncja dwar il-

validita' tan-notifika, li, ghalhekk, ghandha titqies bhala cirkostanza meghluba u mghoddija;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-

1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-

nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali [ara App. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtuha fil-**21 ta' Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP Paul Vella pro et noe - Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta' Lulju, 1991];**

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il- parti tressaq id-difiza taghha, ma tkun b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem

jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendneti mir- rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibli*; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss,

wahda morali [ara per ezempju Appell Civili Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici maqtugha fit-**12 ta' Dicembru, 1975**; u PAGV Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb maqtuha fis-**27 ta' Frar, 1995**];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha [ara sentenza tal-Prim'Awla tal- Qorti Civili tad-**9 ta' Dicembru, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines (Kollez. Voll. **LXXVII.iii.195**)]. Din is-sentenza ssemmiet mis-Socjeta' mharrka fin-Nota taghha;

Illi dwar x'jaghmel kontumacja wahda kolpuza, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell

f'sentenza taghha tas-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et*, fejn inghad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jaghmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xoghol, biex jaslu ghandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jaghmel dawk l-arrangamenti imbaghad jonoqs li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf…Il-kazijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni ohra, u li jridu jigu risoluti skond il-konkretezza ta' kull kaz". Ghar-rigward ta' din l-ahhar ipotesi, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tal-**24 ta' Jannar, 2001**, fil-kawza fl-ismijiet Valcall Limited vs Alt. Services Limited *et*;

Minbarra dan, il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' r-responsabbilta' mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ssib li: (a) in-notifika tal-atti tal-kawza saret kif imiss; (b) li l-atti gew f'idejn persuna (ufficjal tal-kumpannija) li kienet midhla tal-kwestjonijiet diga' esistenti bejn il-partijiet u taf

dwarhom; (c) li s-Socjeta' imharrka kienet diga' midhla b'xi mod ta' proceduri gudizzjarji u, wiehed jifhem, ta' x'ghandu jsir malli wiehed jircievi l-atti ta' kawza; u (d) s-Socjeta' mharrka ma wrietx meta saret taf li l-avukat taghha ma setghetx tiehu l-inkariku mitlub minnha, ghalkemm jidher car li dan it-taghrif saret taf bih xi jiem wara li kienet diga' rceviet l-atti tal-kawza;

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan u ssib li l-imgiba tal-kumpannija mharrka ma tghaddix mill-gharbiel ta' esami ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja kif imfisser aktar 'il fuq, specjalment jekk wiehed iqis bix-xeraq ir-raguni msemmija minnha stess fir-Rikors taghha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

Ssib li m'hemmx raguni tajba bizzejjed biex is-Socjeta' konvenuta tithalla tikkontesta l-kawza billi tressaq l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet tal-attur skond il-ligi; u

Tordna li s-smiegh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi fil-mertu;

U dan minghajr pregidizzju ghall-jedd tal-istess Socjeta' konvenuta li tressaq, jekk taghzel li taghmel dan, sottomissjonijiet fil-waqt xieraq tal-kawza skond kif tipprovdi l-ligi.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------